14 ta' Novembru, 1953.

Imħallef:
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Anthony Cassar

**Ingombru — Provi — Kredibilità ta' l-Imputat — Art. 33 (j) tal-Kap. 13.**

*Il-lokuzzjoni tal-liġi li tikkontempla l-kontravvenzjoni ta' min jingombra triq kija ampja, b'mod li tikkomprendi mhux biss il-każ ta' min ma jħallix minn fejn jgħaddu n-nies mingħajr xkiel, iżda anki l-każ sempliċi ta' ingombru, bħala każ distint.*

*Hu riċevut fil-ġurisprudenza maltija illi fatt preċedenti simili għal dak li jifforma l-meritu tal-kawża. kommess mill-imputat, jista' jinġieb bħala prova kontra l-imputat; imma mhux bħala prova tar-reat, iżda bħala prova li tattakka l-kredibilità tiegħu.*

Fuq l-imputazzjoni illi ngombra l-bankina b'mejda u intimida lis-Surġent Bonanno waqt li kien qed jaqdi dmiru, l-imputat, b'sentenza tat-2 ta' Settembru 1953, mogħtija mill-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta, ġie misjub ħati u kkundannat għall-ammenda ta' 5s. għall-ewwel imputazzjoni,

u għall-ammenda ta' £3 għat-tieni imputazzjoni;

Trattat l-appell, din il-Qorti kkunsidrat;

Irriżulta mill-provi li l-imputat, li għandu ħanut, ħareġ mejda fuq il-bankina, u qagħad madwarha hu u żewġ ħbieb tiegħu. Dana vwoldiri li, "ex admissis", il-ħaġa ma kienetx att ta' mument. Id-difiża osservat li, stante l-wisgħa tal-bankina u ċ-ċokon tal-mejda, il-bankina ma kienetx ingumbrata. Però, il-lokuzzjoni tal-liġi hija ampja, għax tikkontempla mhux biss il-każ li fih ma jitħalliex minn fejn jgħaddu n-nies mingħajr xkiel, iżda anki l-każ sempliċi ta' ingombru, bħala każ distint (art. 33 (j) Kod. Pul., Kap. 13 Ediz. Riv.). Issa, hu indubitat li t-tqegħid ta' mejda fuq bankina jingombra;

Deher ukoll mill-provi li l-imputat fittex li jintimida lis-Surġent Bonanno billi jgħidlu li kellu min kien akbar minnu, li kellu l-Ministru, u li jirrappurtah lilu. Ix-xhieda tas-Surġent dehret lill-Qorti aktar attendibili minn dik ta' l-imputat, partikolarment meta wieħed jikkunsidra li, "ex concessis" (ara xhieda ta' l-imputat — traskrizzjoni ta' l-istenografat), l-imputat ġa ġie kundannat darb'oħra talli għamel l-istess forma ta' intimidazzjoni; u hu riċevut fil-ġurisprudenza Maltija, fuq l-istregwa tal-ġurisprudenza Ingliża, illi fatt preċedenti "simili" jista' jinġieb mhux bħala prova tar-reat, iżda bħala prova li tattakka l-kredibilità ta' l-imputat (ara "Rex vs. Vella", 15. 9. 24). Din hi dik li semma Lord Goddard, iċ-Chief Justice Ingliż, fil-kawża Crim. App. vs. Sims, 1946, u li tissejjaħ "system of conduct", meta, ċjoè, f'dak li jagħmel l-imputat ikun hemm "peculiar features"; għaliex, kif qalet il-Qorti Ingliża, "human nature has a propensity to repetition"; bħal dan il-każ, fejn l-imputat, appena l-Pulizija taqbdu f'xi kontravvenzjoni, jipprova jintimidaha bil-Ministru. Ara wkoll monografija publikata fil-Journal of Criminal Science, Vol. I, p. 143, publikata dina r-rivista taħt l-awspiċji tad-Department of Criminal Science, Fac. of Law, Univ. of Cambridge;

Għalhekk is-sentenza appellata hi ġusta, u l-appell huwa miċħud.